MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 145/2007

**A B f' isimha proprju u ghan-nom tal-minuri C**
**vs**
**D B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-partijiet izzewgu fit-18 ta' Lulju, 1996 u minn dan iz-zwieg hemm tifla minuri C, ta' cirka tlett snin.

2. Illi l-konvivenza ta' bejniethom m' ghadhiex aktar possibli minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabilment, u specjalment minhabba dak li hemm previst fl-artiklu tmienja u tletin (38) tal-Kodici Civili ghar-rigward taz-zewg partijiet, u ghat-tenur tal-Artikolu numru erbghin (40) tal-Kodici Civili hemm ragunijiet validi sabiex issir is-separazzjoni personali bejniethom.

3. Illi barra mill-hajja personali kien hemm problemi ta' kif tmexxew il-finanzi tal-familja, u dan bi pregudizzju serju ghall-esponenti u l-beni taghha, u s-saqaf ta' fuq rasha, u ghalhekk il-partijiet ghamlu l-proceduri ta' medjazzjoni u kienu mexjin ghal-kuntratt ta' separazzjoni. Illi minhabba li b' tali kuntratt xorta ma kienx ikun hemm ordni tal-Qorti dwar il-beni patrimonjali, l-esponenti kellha taghmel din il-kawza u ssegwi din il-procedura ta' kawza ta' separazzjoni.

Ghaldaqstant l-attrici titlob li din l-Onorabbli Qorti prevja kull dikjarazzjoni preliminari u moghti kull provvediment opportuna;

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, bid-dekadenza mid-dritt tal-manteniment u d-dritt tas-successjoni tal-kontendenti lejn xulxin.

2. Tiddikjara terminata l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom b' effett immedjat.

3. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti bil-mod li gej, u cioe' tigi assenjata lill-attrici d-dar konjugali bil-mobbli li hemm gewwa fiha, u cioe' l-fond fl-Imtarfa bl-indirizz Block B 25, Binja Buqana, Triq it-Torri tal-Arlogg, bl-obbligu fuq il-mara li tibqa' thallas wahedha d-dejn li jaggrava l-istess fond, filwaqt illi r-rimanenti proprjeta' tigi assenjata lill-konvenut, u dan flimkien ma' kull dejn li ghamel fin-negozji tieghu li jkunu unikament r-responsabbilta' tal-istess konvenut; u b' dan li dak li jkun registrat f' isem kull wahda mill-partijiet fil-mument tas-sentenza jitqies unikament taghha jew tieghu;

4. Li l-kura u kustodja tal-minuri C tigi fdata lill-attrici, bid-dritt ta' access lil liberu ghall-missier;

5. Li l-konvenut jigi kkundannat ihallas alimenti ghall-minuri imsemmija ta' Lm20 fil-gimgha.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li biha rrisponda:

1. Illi l-esponenti jaqbel ma' l-ewwel (1) u t-tieni (2) talbiet tar-rikorrenti, sabiex tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti.

2. Illi rigward il-komunjoni ta' l-akkwisti l-esponenti jaqbel li r-rikorrenti tigi assenjata l-fond matrimonjali enumerat '25', Block B, Binja Buqana, Triq it-Torri ta' l-Arlogg, Mtarfa, flimkien mad-dejn gravanti fuqu.

3. Illi l-esponenti ghandu jigi amministrat il-garaxx li jinsab mal-fond matrimonjali enumerat '25', Block B, Binja Buqana, Triq it-Torri ta' l-Arlogg, Mtarfa kif ukoll garaxx bla numru li jinsab f' Binja Qlejja, Mtarfa, u l-appartament enumerat '35', Block A, Triq San Massimiliano Kolbe, San Pawl il-Bahar, flimkien ma' xi djun gravanti fuq l-istess proprjetajiet.

4. Illi l-esponenti jaqbel li huwa jhallas id-dejn gravanti ma' l-HSBC, rigwardanti 'Flexicredit'.

5. Illi rigwardanti l-minuri C, l-esponenti jaqbel li l-kura u l-kustodja tkun fdata f' idejn ir-rikorrenti, filwaqt li huwa jkollu access liberu u ampju ghall-istess minuri, ta' mill-inqas erba' (4) sieghat kuljum, filwaqt li huwa jobbliga ruhu li jamministra somma ta' Lm15 (hmistax-il lira Maltin) fil-gimgha ghal istess minuri.

Rat in-nota kongunta prezentata mill-partijiet fit-23 ta' Ottubru 2007 li permezz taghha l-partijiet indikaw il-qbil taghhom dwar l-aspetti varji tal-kawza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut in

bazi ghal dak kontemplat fl-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali.

Illi fin-nota kongunta prezentata mill-partijiet, dawn qabblu dwar l-aspetti tal-kawza; u talbu li l-Qorti tiddecidi fid-dawl ta’ dak li qabblu fuqu.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet attrici kif ser jinghad, billi:

[1] tilqa’ l-ewwel talba, u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, u dan fuq tortijiet taz-zewg partijiet; u tiddikjara lill-partijiet dekaduti mid-dritt tal-manteniment u mid-dritt tas-successjoni lejn xulxin;

[2] tilqa’ t-tieni talba u tiddikjara terminata l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;

[3] tilqa’ t-tielet talba u tordna li d-dar konjugali, bl-effetti kollha hemm fiha, li tinsab f’ 25 Block B, Binja Buqana, Triq it-Torri ta’ l-Arlogg, kif gravata bid-dejn ipotekat li hemm fuqha biss, tigi assenjata unikament u bis-sahha ta’ din is-sentenza lill-attrici, mehlusa minn kull dejn iehor li seta’ kien hemm tul il-komunjoni ta’ l-akkwisti; filwaqt li tassenja lill-attrici l-garaxx li jinsab mal-fond matrimonjali hawn fuq deskritt, kif ukoll il-garaxx bla numru li jinsab b’ Binja Qlejja, Mtarfa, u tassenja lill-konvenut l-appartament numru 35A Triq San Massimiljano Kolbe, San Pawl il-Bahar, flimkien mad-djun kollha gravanti fuq l-istess proprjeta’ u kull eventwali dejn li ghalih il-komunjoni ta’ l-akkwisti kienet tkun altrimenti twiegeb ghalih, u tahtar lin-Nutar Marisa Grech biex tinsinwa l-effetti tas-sentenza;

[4] tilqa’ r-raba’ talba u tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri C lill-attrici, filwaqt li l-konvenut ikollu access ghall-minuri ta’ mhux anqas minn erba’ sighat kuljum, skond il-htigijiet ta’ l-istess minuri;

[5] Rigward il-hames talba, stante li l-konvenut qed jghaddi l-immobbli konsistenti f’ zewg garages oltre d-dar konjugali, u stante l-istat prekarju finanzjarju tal-konvenut, tiddikjara li l-konvenut hallas in anticipu lill martu l-alimenti

ghall-minuri C, u ghalhekk il-mara tkun unikament responsabbli ghall-minuri. L-ispejjez kollha jkunu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------